VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,394, 17 ta' Marzu, 2015
Taqsima B

A.L. 90 tal-2015

ORDINANZA LI TNEĦĦI L-KONTROLL TAD-DJAR (KAP. 158)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Djar ta' Abitazzjoni Dekontrollati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 15 tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Djar ta' Abitazzjoni Dekontrollati, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Djar ta' Abitazzjoni Dekontrollati, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". S.L. 158.01

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2015.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Għandu jitħallas dritt ta' erbgħa u sittin euro (€64) għal kull dar ta' abitazzjoni jew appartament li dwarhom issir applikazzjoni għat-tneħħija mill-kontroll.".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (1) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Fuq talba li jkun hemm magħha dritt ta' żewġ euro u sittin ċenteżmu (€2.60) l-Uffiċjal għandu joħroġ, dwar kull dar ta' abitazzjoni waħda partikolari, ċertifikat li juri jekk dik id-dar tkunx reġistrata bħala dar ta' abitazzjoni mneħħija mill-kontroll.".